**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Jannar, 2017

Rikors Guramentat numru : 269/15 AL

**A B**

vs

**C D ghan-nom ta' H S G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-esponent izzewweg lil H S G nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Dicembru elfejn u disgha (24/12/2004) fi Tripoli l-Libja wara gherusija qasira ta' xahrejn.

Illi ghall-ewwel snin il-hajja mizzewga kienet wahda felici li kienet ba tfal u wara ezamijiet medici rrizulta li l-mara kellha mard li telliffha milli tohrog tqila. Wara l-kura rispettiva minn dan iz-zwieg twieled iben bl-isem ta' Y A M.M. B nhar l-ewwel ta' Mejju elfejn u tnax (1/05/2012) f'Dusseldorf fil-Germanja.

Illi l-esponent, flimkien ma' l-intimata u binhom gew jirrisjedu hawn Malta fl-erbatax ta' Awwissu elfejn u erbatax (14/8/2014) pero l-intimata abbandunat lill-esponent u lil binhom, minkejja l-fatt illi kellha kull kumdita' u facilita' offruti lilha mill-esponent (ez. Karozza personali – Dok A) u minhabba f'hekk u ragunijiet ohra imputabbli unikament lill-intimata li irrendew il-hajja matrimonjali bejn l-esponent u l-intimata impossibli, l-esponent beda proceduri ta' separazzjoni l-Libja minn mal-intimata.

Illi l-esponent izzewweg lil R RM S, nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Settembru elfejn u hmistax (25/9/2015) permezz ta' prokura, fil-Libja.

Illi t-tifel Y ghadu jirresjedi hawn Malta flimkien ma' missieru, li ghandu l-permess residenzjali (Dok B), filwaqt illi l-omm konvenuta ghadha tinsab il-Libja.

Illi hi qatt ma ppruvat taghmel kuntatt ma binha bl-ebda mod minn meta telqet, izda sa xahrejn ilu kienet staqsiet dwar binha biss lill-oht l-esponent li tinsab il-Kanada, u issa waqfet ghal kollox milli tistaqsi dwaru.

Illi l-omm irrinunzjat volontarjament ghad-drittijiet kif ukoll ghall-kustodja taghha fuq il-minuri Y b'mod ufficjali skond il-ligi Libjana (Dok C) u dana wara li rrealizzat illi hi ma setghetx tipprovdi hajja tajba lil binha.

Illi wara li ghamlet hekk, b'dispett lejn l-esponent, l-omm u/jew ir-rapprezentat taghha hawn Malta, ghamlu rapport kompletament infondat lil Pulizija sabiex jivvessaw lill-esponent fil-hajja familjari tieghu, bhal ma jidher bic-car mir-rapport tal-Pulizija stess (Dok D – Rapport tal-Pulizija).

Ili barra minn hekk l-intimati sahansitra ghamlu talba mimlija akkuzi u insinwazzjonijiet foloz, sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni biex il-minuri ma jittiehedx barra minn Malta. Fosthom l-intimati allegaw illi l-esponent seraq “bil-vjolenza d-dokument tal-identita' taghha biex ma tersaqx lejn Malta”(Dok E – Mandat ta' Inibizzjoni), akkuza inveritiera ghall-ahhar stante illi l-intimata kienet marret lura il-Libja (Dok F – Titijira bbukjata), xi

haga li kieku ma setghetx taghmel minghajr id-dokumenti tal-identita' taghha.

Illi fl-istess mandat l-intimati allegaw ukoll illi l-esponent kellu l-intenzjoni li jahrab bil-minuri lejn il-Marokk, meta filfatt huwa ma ghandu l-ebda intenzjoni li jitlaq minn Malta, stante illi hu jghix u jahdem hawn Malta (Dok G), u l-minuri qieghed jattendi skola hawn Malta (Dok H) fejn qed jaghmel progress tajjeb.

Illi r-rikorrent ma sab ebda oggezzjoni ghal-hrug ta’ dan il-mandat ta’ inibizzjoni, u sab biss oggezzjonabli ir-ragunijiet falsi u inveritieri li gew provduti sabiex saret it-talba ghall-hrug ta’ dan il-mandat ta’ inibizjoni.

L-intimati akkuzaw ukoll lill-esponenti illi harab mill-Germanja bit-tifel wara li nhareg ordni li l-minuri ma setghax jittiehed barra mill-pajjiz. Illi rigward dan ghandu jinghad illi l-minuri kien diga jinsab Malta (Dok I) meta nhareg dak l-ordni u li dawn il-proceduri nbdew sabiex jivessa u jfixkel lill-esponent fil-hajja personali tieghu.

Illi mis-suespost, huwa car li l-intimati qed jaghmlu minn kollox sabiex ifixklu u jdejqu lill-esponent u l-familja tieghu fil-hajja kuntenta u trankwilla taghhom, billi juzaw il-minuri, u dana qed jaghmluh wara li l-omm konvenuta kienet lesta tirrinunzja ghalih volontarjament u tmur lura l-Libja minghajru, bla rigward li taghti prijorita' ghall-ahjar interess tat-tifel minuri, li qed jitrabba sew minn missieru u t-tieni mara tieghu. Illi ghalhekk dan qed jamluh ghal finijiet ta' pika u mhux ghax verament jinterressahom il-benessere tal-minuri Y.

Illi minn meta wasal Malta l-esponent ghamel minn kollox sabiex il-minuri Y jistabbilixxi ruhu sew hawn Malta. L-esponent bghat lil ibnu l-iskola bl-isem ta' Equal Partners Foundation, u prezentement qieghed jattendi QIC International School. Illi l-minuri ma' missieru qieghed jaghmel progress kbir fl-edukazzjoni tieghu (Dok J) u sahansitra qed jirnexxielu jeghleb id-diffikoltajiet imparattivi tieghu, stante illi qed jigi pprovdut lilu ambjent stabbli u sigur fejn jista' jikseb edukazzjoni tajba fl-interess tieghu. Dan kontra ghal meta kien taht il-kura ta'

ommu, meta kienet Malta, il-minuri kien jitlef hafna skola ghax kienet issib ragunijiet varji sabiex hu ma jattendix. L-esponent sahansitra pprovda sabiex il-minuri jigi mghoti l-ghajnuna minhabba id-diffikultajiet imparattivi tieghu, filwaqt li l-omm kienet opponiet ghal din l-ghajnuna u fil-fatt waqfitu milli jkompli. Issa l-minuri mhux talli qed jattendi skola regolari, izda qed jintegra ruhu sew (Dok K) u ser jibda jiehu ghajnuna minghand speech therapist ukoll.

Illi huwa car li mentri l-esponent qed jaghmel l-almu tieghu bhala genitur, u jara li ibnu ma jonqsu xejn, il-konvenuta bhala omm naqset bi kbir mid-dmirijiet taghha fil-konfront ta' binha minuri f'diversi modi u dana kif ser jigi ppruvat ukoll waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi billi qed tattenta li tfixkel kemm lill-esponent kif ukoll lil binhom minuri fil-hajja taghhom, l-konvenuta qeda tonqos lil minuri milli tipprovdi ghall-ahjar interess tieghu kif suppost taghmel fl-obbligazzjonijiet taghha ta' genitur taht l-Artikolu 3B tal-Kap 16 u ghaldaqstant skond l-Artikolu 154 tal-Kap 16, hi ghandha titlef is-setghat taghha ta' genitur.

In vista tas-suespost, partikolarment fid-dawl tar-rinunzja volontarja fuq il-minuri minn naha tal-omm, fejn uriet bic-car li m'ghandha l-ebda interess li trabbi u\jew tiehu hsieb lill-minuri Y, u l-fatt li t-tifel qieghed jghix u jigi mrobbi minn missieru biss, l-esponent jixtieq jirregola l-posizzjoni tieghu hawn Malta u ghalhekk beda dawn il-proceduri.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. taqta u tiddeciedi illi l-konvenuta naqset mid-dmirijiet generali taghha ta' genitur skond Artikolu 3B tal-Kap 16;
2. taqta u tiddeciedi illi stante in-nuqqasijiet taghha l-omm ghandha tiddekadi mis-setghat taghha ta' genitur skond l-Artikolu 154 tal-Kap 16;
3. taqta u tiddeciedi illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Y ghandha tkun fdata unikament f'idejn l-esponent ;

u dana taht kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri u li jidrilha xieraq li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-kawza kif intavolata hija nulla stante li dawn il-proceduri kontenzjuzi saru minghajr il-prerikwizit process mandatorji ta' konciljazzjoni u medjazzjoni u l-eventwali debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti sabiex il-parti tipprocedi biex tibda kawza, u dan skond l-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjara 12.20 tas-16 ta' Dicembru 2003 kif amendata [REGOLAMENTI DWAR IL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA), IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI U IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)];

2. Illi subordinatament u minghajr pregjudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; anzi huwa l-istess attur li ghandu jigi ddikjarat li naqas mid-dmirijiet generali ta' genitur, u konsegwentement iddekada mis-setghat tieghu ta' genitur u konsegwentement il-kura u l-kustodja tal-minuri binhom Y ossia Y A M B ghandha tkun fdata unikament f'idejn l-omm, taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq timponi Dina l-Onorabbli Qorti, fl-ahhjar interess tal-istess minuri.

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salv eccezjonijiet ohra u jew ulterjuri permessi mill-Ligi u b'riserva *da parti* tal-omm sabiex hija tipprocedi kontra l-

attur, skond il-ligi wara l-gheluq jew matul il-medjazzjoni minnha mitluba fl-ittra lir-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghall-medjazzjoni u debita awtorizzazzjoni ghall-proceduri tal-firda personali taghha minn zewgha - l-attur odjern - liema ittra datata l-1 ta' Dicembru 2015 iggib in-numru 1760/15.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta, li permezz taghha ikkonfermat bil-gurament is-segwenti :

1. Illi primarjament ikun improprju li huwa jaghmel dikjarazzjonijiet dwar il-hajja privata mizzewga ta' ohtu, mart l-attur, u tali dikjarazzjoni ghandha issir mill-istess ohtu, mart l-attur meta din l-istess tkun Malta, stante li din ila l-Libja mill-24 ta' Gunju 2015, minghajr il-mezzi necessarji li hija liberalment tirritorna Malta fejn jinsab binha;

2. Illi l-attur izzeweg lil H S C fl-24 ta' Dicembru 2009 (u mhux fl-24/12/2004);

3. Illi H S C hija musulmana;

4. Illi sa fejn jaf huwa, H S C giet tghix u tirrisjedi Malta flimkien ma' zewgha, l-attur u flimkien ma' bihnom minuri f'awissu 2014, meta is-sitwazzjoni fil-Libja kienet saret ferm perikoluza u insapportabbli, u ma kienx hemm futur trankwill ghal familthom gewwa il-Libja;

5. Illi sa fejn jaf huwa, H S C, telqet minn Malta fl-24 ta' Gunju 2015, fuq insitenza ta' zewgha, l-attur, meta huwa infurmaha li dan kellu jkun ghal perjodu qasir hafna u hija terga tirritorna lura mieghu u ma' binhom minuri Malta, u f'dak l-istadju hija hassitha obbligata tobdi lil zewgha;

6. Illi wara irrizulta li l-iskop ta' zewgha kien wiehed qarrieqi u huwa kien baghtaha lura ghand missierha sabiex jehles minnha u jipprepara t-triq sabiex jizzewweg mara ohra musulmana u izghar minnha;

7. Illi l-attur kellu fil-pussess tieghu l-permess ta' residenza Maltija ta' H S C, u huwa irrifjuta li jaghtiha tali permess ta' residenza Maltija, u allura hija ma setatx tirritorna lura Malta, stante li hija mara mizzewgha u kwalunkwe permess jew talba ghal viza irid jigi awtorizzat mill-istess zewgha – l-attur, u fi kwalunkwe kaz f'dan il-perjodu terbulanti gewwa l-Libja, ir-rapprezentanza diplomatika ta' Malta gewwa l-Libja kienet gja mittifsa;

8. Illi ghoxrin gurnata biss wara li l-attur bghat lil martu lura l-Libja, l-attur kien gja qed jirreferi ghal R R M S bhala "martu" ma' terzi, u sahansitra xtralha karozza Volvo ta' valur ta' wiehed u erbghin elf euro (€41, 000.00), b'*number plates* li l-attur insista li jkunu "ZYR 111", fejn "ZYR" jirraprezentaw l-ewwel ittra tal-ismijiet "A", "Y" u "R"; u tliet xhur u gurnata biss wara li H S C intbghatet lura l-Libja, l-attur izzewweg lill-imsemmija R R M S, fil-25 ta' Settembru 2015, meta huwa kien, kif hekk ghadu sallum, mizzewweg lill-konvenuta H S C;

9. Illi H S C, qatt ma abbandunat lil zewgha u jew lil binhom minuri Y ossia Y A M. Hija intbaghet lura l-Libja, b'mod qarrieqi minn zewgha l-attur;

10. Illi l-kwistjoni tas-separazzjoni personali bejn l-attur u H S C, (kif *del resto* ghandha ukoll tinkorpora l-kwistjoni odjerna tal-kura u l-kustodja ta' binhom minuri), u kwistjonoijiet ohra ancillari, ghandhom jigu decizi bil-proceduri *ad hoc* li infethu mill-istess C D bhala mandatarju ta' ohtu H S C u b'dan il-ghan gja nbdew il-proceduri ta' medjazzjoni permezz tal-ittra lir-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghall-medjazzjoni u debita awtorizzazzjoni ghall-proceduri tal-firda personali ta' H S C minn zewgha (l-attur odjern), liema ittra datata l-1 ta' Dicembru 2015 iggib in-numru 1760/15, u liema proceduri wara d-digriet ta' Dina l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Dicembru 2015, giet iffissata u inzammet l-ewwel seduta quddiem il-Medjatrici appuntata fis-16 ta' Dicembru, 2015, u wara li l-attur odjern qajjem il-

kwistjoni ta' gurisdizzjoni bejn dik Maltija jew dik Libjana, u l-Medjatrici kellha titlob direzzjoni dwar dan minn Dina l-Onorabbli Qorti, giet iffisata seduta ohra ghat-28 ta' Jannar 2016;

11. Illi l-esponenti, li jikkomunika ma' ohtu regolarment, ma jaf bl-ebda proceduri ta' seperazzjoni personali bejn il-kontendenti liema proceduri skond l-allegazzjoni tal-attur infethu gewwa l-Libja;

12. Illi tliet xhur u gurnata wara li l-attur heles minn martu H S C u bghataha lura l-Libja, u dan minghajr il-mezzi neccessarji sabiex hija tkun tista' tirritorna Malta jew tmur pajjiez iehor membru taz-zona Schengen, l-attur ovvjament minghajr il-kunsens ta' l-istess martu H S C, poligament ha mara ohra u fil-25 ta' Settembru 2015, izzewweg lill-imsemmija R R M S, meta l-istess attur kien, kif hekk ghadu sallum, mizzewweg lill-konvenuta H S C;

13. Illi mhux kontestat li l-attur jirrisjedi Malta flimkien mat-tifel minuri tal-kontendi, u huwa fatt li sal-lum martu H S C – omm il-minuri Y ossia Y A M, tinsab il-Libja, izda hija tinsab il-Libja fid-dar ta' missierha ghax ma ghandhiex ghazla ohra, u ma ghandhiex il-mezzi neccessarji sabiex hija tista' tirritorna Malta jew tmur pajjiez iehor membru taz-zona Schengen, peress li l-attur hadilha l-permess tar-residenza ghal Malta u sallum hija ghadha ma rnexxiliex tottjeni visa sabiex issiefer lejn Malta. Hija qed tghamel minn kollox sabiex hija tkun lura ma' binha minuri li ghandu tliet snin u seba' xhur;

14. Illi mhux minnu li hija ma ppruvatx tghamel kuntatt ma' binha minuri, anzi hija regolarment ittentat tali kuntatti u b'diffikoltajiet kbar gieli anka inrnexxiela, izda l-attur qed jghamel minn kollox sabiex jinqatgha l-kuntatt bejn l-omm u binha minuri. F'Settembru 2015, infethu proceduri fil-Germanja sabiex il-missier ma jahrabx bit-

tifel, u fil-15 ta' Ottubru 2015 infethu proceduri simili gewwa Malta;

15. Illi d-"Document C – Acknowledgment of Waiver", ma jinsabx ezebit fil-process. Illi mhux minnu li l-omm qatt irrinunzjat volontarjament ghall-kustodja ta' binha minuri; Anzi hija tikkotendi li hija ghandha tali kustodja;

16. Illi d-"Document D – Rapport tal-Pulizija", ma jinsabx ezebit fil-process. Illi l-proceduri li qed isiru ghan-nom taghha mhux qed isiru bi skopijiet ta' "dispett" lejn l-attur, izda fl-ahhjar interess tat-tifel minuri Y;

17. Illi kif jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, mhux minnu illi omm il-minuri ma kienetx tiehu hsieb lil binha, jew li hija ma kienx jinteressha mill-*benessere* ta' binha minuri, anzi bil-maqlub. Kienet hi li dejjem hadet hsieb lil binhom minuri, u mhux il-missier. Il-missier, l-attur qieghed juza l-mezzi tieghu kollha komprizi dawk finanzjari, religjuzi u kulturali bhala r-ragel ta' familja musulmana, fejn il-mara obbligata tobdi l-ordnijiet tal-irgiel tal-familja, primarjament dawk l-ordnijietr ta' zewgha, u fin-nuqqas tieghu ta' hutu s-subien, sabiex ixejjen u jiddispetta lill-konvenuta, sallum martu (minkejja li huwa ghazel li fil-frattemp jizzewweg poligament lil mara ohra izghar, u musulmana hija ukoll), u omm binhom minuri Y;

18. Illi l-attur, b'mezzi malinji u manipulattivi heles mill-konvenuta martu u omm binhom minuri, billi bhal oggett ordnala b'mod qarrieqi tirritorna lura il-Libja, u bhala mara mizzewga ma tistax tghix wahedha u allura l-unika soluzzjoni kienet li hija tmur lura ghand missierha, u dan meta l-istess Libja kienet gja tinsab fil-problemi u f'sitwazzjoni perikoluza, u dan l-istess zewgha – l-attur ma pprovdiliex il-mezzi sabiex hija tara u tiltaqa ma' binha, ahseb u ara l-mezzi li din l-istess omm tiehu hsieb lil binhom minuri. L-attur qed jghamel minn kollox sabiex l-omm titlef kull kuntatt rejali ma' binha minuri Y li ghandu biss tliet snin u seba' xhur u bil-kemm ghadu jaf

jitkellem. Fl-assenza sfurzata tal-omm, l-attur qieghed jintroduci *mother figure* ohra minflokk l-omm proprija lil binhom minuri – martu l-gdida R, u jixtri lil ibnu b'rigali u mezzi ohra, b'tali mod li Y, tifel zghir ta' età daqshekk tenera u delikata mhux talli jinsa lil ommu izda sahansitra ma jkunx irid jibqa jaf biha. L-attur qed jghamel minn kollox, kontra x-xewqa tal-omm, u kontra kull interess tal-minuri binhom, li dan l-istess binhom minuri Y jissostitwixxi lil omm il-minuri b'terza persuna, u dan ghall-ebda raguni ghajr il-fatt l-attur huwa r-ragel, u min ghalih li hadd ma jista ghalih, u huwa jidispetta u jrid ixejjen lil martu H S C – omm il-minuri Y, il-konvenuta odjerna li azzardat tiqaflu xi ftit u ma tghatix il-kunsens li dan zewgha li poligament jizzeweg mara ohra.

19. Illi *in vista* ta' dak fuq espost l-konvenuti jikkontestaw l-allegazzjoni u t-talbiet attrici inkwantu li l-konvenuta H S C, mart l-attur u omm binhom minuri Y ossia Y A M B naqset mid-dmirijiet taghha ta' genitur, u li ghandha tiddekadi mis-setghat taghha ta' genitur, u li l-kura u l-kustodja ta' binha minuri Y ossia Y A M B ghandha tkun fdata unikament f'idejn l-attur.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;
Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri Y A M.M. B tgħaddi unikament u esklussivament f'idejn missieru l-attur, ad esklużjoni ta'

ommu, l-assenti H S G, rappreżentata f'dawna l-proċeduri minn ħuha C D.

Illi preliminarjament, il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut nomine u cioe n-nullita tal-azzjoni kif intavolata, stante li dawn il-proċeduri kontenzjużi saru mingħajr il-prerikwiżit proċess mandatarju ta' medjazzjoni kif stipulat mill-Artikolu 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20[1] u cioe ir-<u>Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja).</u>

M'huwiex ikkontestat illi qabel ma ġiet intavolata il-kawża odjerna, l-partijiet ma resqux għall-medjazzjoni. Huwa wkoll fatt mhux ikkontestat illi l-attur ma ppreżenta ebda ittra lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex dana jaħtar medjatur fil-każ.

L-attur jissottometti illi fil-każ odjern, il-proċedura ta' medjazzjoni ma kinitx meħtieġa stante li l-medjazzjoni ssir sabiex tiffaċilita ftehim bejn il-partijiet, meta fil-każ odjern il-partijiet diġa laħqu ftehim bejniethom. Il-kawża qed issir biex tiġi regolata sitwazzjoni ġia eżistenti. L-attur jirreferi għad-dokument imsemmi fir-rikors ġuramentat Dokument C, permezz ta' liema dokument il-konvenuta assenti allegatament irrinunzjat volontarjament għad-drittijiet kif ukoll għall-kustodja tagħha fuq il-minuri Y b'mod uffiċjali skond il-liġi Libjana.

Il-Qorti tirrileva li dan id-dokument m'huwiex anness mar-rikors ġuramentat u li fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ġie esebit in atti. Inoltre', il-konvenuta ssostni li hija qatt ma rrinunzjat volontarjament għall-kustodja ta' binha minuri; anzi hija tikkontendi li għandha tali kustodja[2];

---

[1] Avviż Legali 397/2003 kif sussegwentement emendat.
[2] Dikjarazzjoni Ġuramentata fol. 60 et seq. paragrafu 15.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut nomine jissottometti illi l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jiġu ntavolati proċeduri bħal dawn odjerni, dejjem kienet u għadha pre-rekwiżit.

Il-Qorti rat ir-Regolament 9 tal-Liġi Sussidjarja ġja ċċitata illi jistipula:

***"9. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7, meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti -***
***(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew***
***(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew***
***(ċ) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew***
***(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu (a),***

***dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond ma hemm f'dik id-disposizzjoni."***

Il-Qorti tosserva li dan ir-regolament 9, jirrendi applikabbli l-proċeduri ta' medjazzjoni wkoll għal diversi każijiet oħra, apparti milli biex tintalab is-separazzjoni personali.

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-medjazzjoni hija rekwiżit mandatarju qabel kull kawża li taqa' taħt il-kappa tal-Artikolu 9. Ladarba xi ħadd mill-partijiet ikun resaq biex jippreżenta kawża, dana jattira l-preżunzjoni li huma ma jkunux laħqu ftehim amikevoli bejniethom u għalhekk jeħtieġu l-intervent tal-Qorti. Huwa biss f'xi każi sporadiċi fejn il-partijiet, mhux miżżewġin, jaslu fi ftehim dwar uliedhom, li jistgħu jippreżentaw rikors (mhux ġuramentat) sabiex il-Qorti tabbraċċja il-ftehim tagħhom f'digriet, mingħajr il-ħtieġa ta' medjazzjoni. Fil-kumplament tal-każi, il-medjazzjoni jeħtieġ li

ssir. Fil-każ ta' konvenut assenti, il-Qorti tista' tawtorizza li parti tipproċedi b'kawża mingħajr il-ħtieġa ta' medjazzjoni bejn il-partijiet. Iżda fi kwalunkwe każ, anke jekk fl-assenza ta' xi parti, il-Qorti teżonerahom mill-obbligu tal-medjazzjoni, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jipproċedu xorta waħda hija meħtieġa.

Dan għaliex, kif jirriżulta anke mill-ġurisprudenza tagħna dwar il-materja, *"ir-*ratio legis *ta' din il-parti tal-liġi huwa ċar, u cioe' li meta tinqala' kwistjoni bejn il-partijiet dwar ħaġa, li tidħol fl-ambitu tal-każijiet indikati fir-regolament 9, għandha tinfetaħ medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawża, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet għal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra".*[3]

Fil-kawża odjerna, l-attur qiegħed jagħmel talbiet relatati mal-kura u l-kustodja t' ibnu u għalhekk l-istess talbiet, kif dedotti, ċertament jaqgħu fl-ambitu tal-artikolu 9(1)(a) suċċitat. L-allegazzjoni li bejn il-partijiet ġja hemm qbil dwar il-kustodja tal-minuri Y, tirriżulta mhux ippruvata mill-atti proċesswali u għalhekk, bħala konsegwenza, l-attur kien jeħtieġlu li jipproċedi ai termini tal-Artikolu 4 tal-Liġi Sussidjarja, qabel ma jintavola l-kawża odjerna.

## DEĊIDE

In vista tas-suespost, il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine fis-sens li tiddikjara li l-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni mingħajr l-awtorizzazzjoni skond il-liġi; u għalhekk, f' dan l-istadju, qiegħda tissospendi l-proċeduri odjerni, u tordna li l-prosegwiment tal-kawża jkun jista' jsir biss wara l- konklużjoni tal-proċeduri relattivi tal-medjazzjoni bejn il-partijiet.

L-ispejjeż ta' dan il-ġudizzju jkunu a kariku tal-attur.

---

[3] Ara AB vs. CB, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2010, Rikors Ġuramentat 501/2007NC u AB vs. CB, deċiża fid-29 ta' Mejju 2014, Rikors Ġuramentat 152/2013AL